A.L. 332 tal-2009

ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI
(KAP. 276)

Ordni tal-2009 dwar l-Estradizzjoni
(Repubblika tal-Islanda u Renju tan-Norveġja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2009 dwar l-Estradizzjoni (Repubblika tal-Islanda u Renju tan-Norveġja).

(2) Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ f'dak il-jum li l-Ministru jordna fil-Gazzetta wara li l-Arranġament jidħol fis-seħħ kif hemm fil-pattijiet tal-imsemmi Ftehim.

Speċifikazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Att rilevanti.

2. Għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Ministru speċifika lir-Repubblika tal-Islanda u lir-Renju tan-Norveġja.

Tifsir. A.L. 320 tal-2004.

3. F'dan l-Ordni, "l-Ordni rilevanti" tfisser tfisser l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, tas-7 ta' Ġunju, 2004.

Applikabilità tat-tifsira "l-Arraġament" fl-artikolu 2 tal-Ordni rilevanti.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, it-tifsira "l-Arranġament", fl-artikolu 2 tal-Ordni rilevanti, għandha tapplika daqslikieku, għall-kontenut tat-tifsira, hemm sostitwit dan li ġej:

" "l-Arranġament" tfisser il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja fuq il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja, magħmul fi Vjenna fit-28 ta' Ġunju, 2006 (ĠU L292 tal-21 ta' Ottubru 2006), adottat konformement mat-Trattat;".

Relazzjoni bejn dan l-Ordni, l-Ordni rilevanti u dispożizzjonijiet transitorji.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Ordni rilevanti għandhom japplikaw daqslikieku, għall-kontenut tiegħu, hemm sostitwit dan li ġej:

"3. (1) Huma biss id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni, salv jekk ma jiġix xort'oħra espressament indikat, li għandhom japplikaw għal talbiet li Malta tirċievi jew tagħmel fid-data rilevanti jew wara sabiex persuna kriminali maħruba titreġġa'

lura lejn jew minn pajjiż skedat, jew biex persuni jitreġġgħu lura lejn Malta minn pajjiż skedat konformement ma' talba li ssir taħt dan l-Ordni, u d-dispożizzjonijiet tal-Att rilevanti għandu jkollhom effett dwar it-treġġigħ lura taħt dan l-Ordni ta' persuni lejn, jew dwar persuni mreġġgħin lura taħt dan l-Ordni minn, xi pajjiż skedat bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet kif imsemmi f'dan l-Ordni.

(2) L-Att rilevanti u kull Ordni li japplika u li kien fis-seħħ qabel id-data rilevanti għandu jkompli japplika għal talbiet għat-treġġigħ lura ta' persuna kriminali maħruba lejn pajjiż skedat li jkun għadu pendenti f'Malta fid-data rilevanti u għal talbiet magħmulin minn Malta lil pajjiż skedat qabel id-data rilevanti, u kull arranġament li jkun japplika bejn dak il-pajjiż u Malta qabel id-data rilevanti għandu jibqa' wkoll japplika għal dawk it-talbiet.

(3) Meta pajjiż imsemmi ikun, skont l-Arranġament, ta avviż li bħala l-pajjiż rikjest il-leġislazzjoni li kienet fis-seħħ qabel ma saret il-leġislazzjoni tiegħu li timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Arranġament tkun tapplika għal atti magħmulin qabel data li tiġi msemmija minnu, l-Att rilevanti u kull Ordni li jkun japplika li kien fis-seħħ qabel id-data rilevanti għandu jkompli japplika għal dawk l-atti u kull arranġament li japplika bejn dak il-pajjiż u Malta qabel id-data rilevanti għandu wkoll ikompli japplika għalihom.".

L-Iskeda 1 ma tapplikax għall-Ordni rilevanti.

6. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, l-Iskeda 1 tal-Ordni rilevanti ma tapplikax u tkun din l-Iskeda li ġejja li għandha tapplika:

"**SKEDA 1**
(Artikolu 2)

Repubblika tal-Islanda

Renju tan-Norveġja".